MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 2328/1997/1

**Joseph Friggieri**

**vs**

**Francoise Chetcuti u Mary Friggieri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa propjetarju ta' "wallunit" TV "Grundig", salott u oggetti ohra fid-dar li huwa jokkupa biss u dan zgur mill-Lulju 1995 fil-fond Marjoe House, Michael Bellanti Street, Msida;

Illi l-konvenut Francoise Chetcuti ottjena mandat ta’ qbid fuq dawn l-oggetti u dan fil-konfront ta mart l-attur Mary Friggieri li tidher li hija debitrici tieghu;

Illi sussegwentement u wara l-atti tas-subbasta dina l-qorti b’digriet taghha tas-7 ta’ Awissu 1997 ordnat l-bejgh bl-irkant ta’ dawn l-istess oggetti maqbuda skond il-mandat tal-qbid;

Illi l-attur la huwa debitur tal-konvenut Chetcuti u wkoll l-konvenuta ma hiex il-propjetarja ta’ dawn l-oggetti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-qorti ma ghandhiex :-

1) tissospendi id-digriet taghha ghall-mandat ta’ qbid ta’ dawn l-oggetti kif deskritti wara l-istess mandat mill-fond ta’ Marjoe House, Michael Bellanti Street Msida;

2) tissospendi d-digriet taghha tas-7 ta’ Awissu 1997 wara r-rikors tal-konvenut Francoise Checuti fejn gie iffissat il-jum tal-Erbgha 15 ta’ Ottubru 1997 ghall-bejgh bl-irkant ta’ l-ogetti msemmija ; u

3) tannulla l-atti tas-subbasta in kwistjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Friggieri fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hi u l-attur ghadhom mizzewwgin u bejniethom hemm ezistenti l-komunjoni tal-akkwisti li tikkomprendi wkoll id-dar okkupata mill-attur, u l-oggetti

elenkati fic-citazzjoni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u illi hu fl-interss tal-komunjoni li d-dejn imsemmi jigi saldat;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lill-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ud-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li hu propjetarju ta' diversi oggetti li jinsabu fil-fond Marjoe House, Michael Bellanti Street, Msida. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut Francoise Chetcuti ottjena il-hrug ta' mandat ta' qbid ghar-rigward ta' dawn l-oggetti u dana fil-konfront tal-konvenuta l-ohra Mary Friggieri li tidher li hija debitrici tal-istess Chetcuti.
Sussegwentement gie ordnat il-bejgh bl-irkant ta' dawn l-istess oggetti. L-attur jippremetti ukoll li huwa mhux debitur tal-konvenut Chetcuti u inoltre l-oggetti in kwestjoni mhux propjetarja tal-imsemmija konvenuta martu. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi sospiz id-digriet ghar-rigward tal-imsemmi mandat ta' qbid, li jigi sospiz id-digriet li bih gie ordnat il-bejgh bl-irkant ta' l-istess oggetti u li jigu annullati l-atti tas-subbasta in kwistjoni;

Il-konvenuta Mary Friggieri qed teccepixxi li hi u l-attur ghadhom mizzewwgin u ghalhekk hemm ezistenti l-komunjoni tal-akkwisti li tinkludi l-oggetti elenkati fic-citazzjoni u hu fl-interess tal-komunjoni li d-dejn in kwestjoni jigi saldat;

Jirrizulta li l-attur u martu l-konvenuta huma separati biss de facto. In effett l-attur u l-imsemmija martu jghixu ghar-rashom. Ma jirrizultax li l-oggetti in kwestjoni huma proprjeta esklusiva tal-attur u bl-ebda mod ma jirrizulta li l-oggetti in kwestjoni ma jappartjenux lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn l-istess attur u l-konvenuta martu;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tichad l-istess talbiet;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------